MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-10 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 347/2001/1

**Cit Nru: 347/01 JA**

**Korporazzjoni EneMalta.**

**-vs-**

**Joe Baldacchino.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-2 ta’ Marzu, 2001 li bih l-korporazzjoni attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut kien impjegat mal-korporazzjoni attici fil-grad ta’ Senior Systems Analyst.

Illi l-Korporazzjoni attrici pprovdiet lill-konvenut ghall-hals ta’ kors ta’ studju f’ universita’ barra minn Malta, tul il-perjodu 1994 – 2000.

Illi skond il-ftehim datat 20 ta’ Frar 1995 milhuq bejn il-partijiet, il-konvenut kellu jibqa’ fl-impieg mal-korporazzjoni attrici ghal zmien ta’ mhux anqas minn sentejn minn meta jispicca b’ success l-istudji tieghu hawn imsemmija (Dok A).

Illi effettivament il-konvenut temm b’ success dawn l-istudji fi Frar 1999, izda sussegwentement ttermina l-impieg tieghu mal-korporazzjoni attrici b’ effett mill- ta’ Gunju, 2000.

Illi tali azzjoni da parti tal-konvenut tammonta ghal ksur tal-ftehim ta’ bejn il-partijiet kif hawn fuq premess, u b’ hekk il-korporazzjoni sofriet danni minhabba dan l-agir, ammontanti ghal elf tlet mija u tmintax-il Liri Maltin u sebgha u dishin centezmi (Lm1,318.97) (Dok B).

Illi l-konvenut giet interpellat divesi drabi anke permezz a’ ittra ufficjali datata Novembru 2000, sabiex ihallas dawn id-danni hekk dovuti minnu, izda huwa baqa’ inadempjenti.

Ghalhekk titlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut unilateralment kiser il-kundizzjoni tal-ftehim bejnu u bejn il-korporazzjoni attrici datata 20 ta’ Frar, 1995.

2. Tiddikjara l-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-korporazzjoni ghar-ragunijiet premessi, liema danni jammontaw ghal elf tlett mija u tmintax – il-Liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,318.97).

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk ammontanti ghal elf tlett mija u tmintax – il-Liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,318.97) lill-korporazzjoni attrici.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali datata Novembru, 2000, u bl-imghax legali sal-effettiv pagament kontra l-konvenut li minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoni attrici mahlufa minn Silvio Decelis fit-2 ta' Marzu, 2001 u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament noftifikat naqas li jipprezena nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat l-atti kollha inkluz ix-xhieda bl-affidavits tal-atturi.

Billi l-provi mhumiex kontradetti;

**Tilqa' t-talbiet attrici fil-kontumacja tal-konvenut u ghalhekk:**

**1. tiddikkjara li l-konvenut kiser il-kondizzjonijiet tal-ftehim bejnu u l-korporazzjonia attrici ta' l-20 ta' Frar, 1995;**

**2. tiddikjarah responsabbli ghad-danni sofferit mill-korporazzjoni attrici ghas-somma ta' elf tlett mija u tmintax – il-Liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,318.97).**

**3. tikkundannah ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma imsemmija ta' elf tlett mija u tmintax – il-Liri Maltin u sebgha u disghin centezmi (Lm1,318.97), bl-**

**ispejjez ikluz l-ittra ufficjali ta' Novembru 2000 u l-imghaxijiet legali mill-llum (ghax ma' saritx prova li l-konvenut gie notifikat bl-att imsemmi) sad-data tal-pagament effettiv.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------